**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1076/21 NC**

**International Property Group Limited**

**vs.**

**John Mifsud et**

Illum is-16 ta' Ġunju, 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-1 ta' Novembru, 2021.

Rat id-Digriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2021 li bis-saħħa tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għal nhar il-15 ta' Diċembru, 2021 fid-9.00am.

Rat in-Nota tal-lum iffirmata u ppreżentata mill-Avukat Daniel Buttiġieġ ghas-soċjeta' attriċi, f'liema Nota ġie dikjarat li s-soċjeta' attriċi qiegħda ċċedi l-kawża stante transazzjoni bejn il-partijiet.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni ta' Artikoli 906(1) u 907 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li ħadet konjizzjoni wkoll tan-Nota ta' Ċessjoni hawn fuq imsemmija, qiegħda tieqaf milli tqis aktar din il-kawża u b'hekk tordna lir-Reġistratur sabiex ineħħiha minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**